



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' April 2023
(OR. en)

8712/23
ADD 1

ENT 84
MI 326
COMPET 359
CONSUM 140
SAN 211
ENV 409
CHIMIE 38

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' April 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 2672 final - Annex
Suġġett:	ANNESS tar-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħliliet fir-rigward taż-żieda ta' noti fil-Parti 1, it-Taqsima 1.1.3, tal-Annes VI

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2023) 2672 final - Annex.

Mehmuż: C(2023) 2672 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.4.2023
C(2023) 2672 final

ANNEX

ANNESS

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI

li jemenda, għall-finijet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet fir-rigward taż-żieda ta' noti fil-Parti 1, it-Taqsima 1.1.3, tal-Annes VI

ANNESS

Il-Parti 1 tal-Anness VI hija emendata kif ġej:

- (1) fit-Taqsima 1.1.3.1, tiżdied in-nota X li ġejja:

“Nota X:

Il-klassifikazzjoni għall-klassi(jiet) ta' periklu f'din l-entrata hija bbażata biss fuq il-proprjetajiet perikolużi tal-parti tas-sustanza li hija komuni għas-sustanzi kollha fl-entrata. Il-proprjetajiet perikolużi ta' kwalunkwe sustanza fl-entrata jiddependu wkoll fuq il-proprjetajiet tal-parti tas-sustanza li mhijiex komuni għas-sustanzi kollha fil-grupp. Din tal-aħħar trid tiġi evalwata biex jiġi vvalutat jekk klassifikazzjoni(jiet) aktar severa (jiġifieri kategorija ogħla) jew kamp ta' applikazzjoni usa' tal-istess klassifikazzjoni (differenzjazzjoni addizzjonali, organi fil-mira u/jew dikjarazzjonijiet ta' periklu) jistgħux japplikaw għall-klassi(jiet) ta' periklu fl-entrata.”;

- (2) fit-Taqsima 1.1.3.2, jiżdiedu n-noti 11 u 12 li ġejjin:

“Nota 11:

Il-klassifikazzjoni tat-taħlitiet bħala tossikant għar-riproduzzjoni hija meħtieġa jekk is-somma tal-konċentrazzjonijiet tal-komposti tal-boron individwali li huma kklassifikati bħala tossikant għar-riproduzzjoni fit-taħlita kif imqiegħda fis-suq tkun $\geq 0,3 \%$.

Nota 12:

Il-klassifikazzjoni ta' taħlitiet bħala tossikant għar-riproduzzjoni hija meħtieġa jekk is-somma tal-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi individwali koperti minn din l-entrata fit-taħlita kif imqiegħda fis-suq tkun daqs, jew ogħla mil-limitu ġeneriku ta' konċentrazzjoni applikabbli għall-kategorija assenjata, jew limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku mogħti f'din l-entrata.”.